MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 392/2006

**Fl-Atti tal-ittra ufficjali bin-numru 2284/06 fl-ismijiet:**

**Joinwell Limited**

**Vs**

**Joseph Pace**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Joseph Pace u li bih wara li ppremetta illi fis-17 ta' April 2006, is-socjeta' mittenti Joinwell Limited pprezentat ittra ufficjali annessa mar-rikors ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12. Illi sussegwentement, is-socjeta' Joinwell Limited pprezentat mandat ta' qbid ezekuttiv bin-numru 1443/06 fl-ismijiet "Joinwell Limited vs Joseph Pace" fejn ivvantat titolu esekuttiv ai termini tal-ittra ufficjali hawn fuq riferita.

Illi l-ittra ufficjali ma saritx ai termini tal-artikolu 166A u senjatament ma fihiex il-htiega sine qua non li tkun konfermata bil-gurament mill-kreditur ai termini tal-artikolu 166A (2) tal-Kap 12.

Illi la darba l-ittra ufficjali ma gietx ikkonfermata bil-gurament mill-mittenti allegata kreditrici Joinwell Limited, jirrizulta li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1) (2) jew (3) ta' l-Artikolu 166A u ghaldaqstant dina ghandha tigi rexissa u dikjarata nulla u bla effett, ai termini tas-subincis (ii) tal-paragrafu (5) tal-Artikolu 166A.

Illi l-esponenti fl-4 ta' Dicembru 2006, gie notifikat b'rikors ta' zgass mitlub fl-atti tal-mandat 1443/06.

L-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tirrexxindi u tiddikjara l-ittra ufficjali 2284/06 fl-ismijiet premessi nulla u bla ebda effett ai termini tal-paragrafu (5) tal-artikolu 166A.
2. Tordna r-revoka ta' l-imsemmi titolu esekuttiv u ta' kull att gudizzjarju bbazzat fuqu inkluz il-mandat ta' qbid bin-numru 1443/06 fl-ismijiet "Joinwell Limited vs Joseph Pace".

U dana prevja kull provvediment iehor li dina l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.Rat id-digriet Taghha moghtija fis-7 ta' Dicembru 2006 u fil-15 ta' Dicembru 2006 (fol 4 u fol 6 tal-istess atti).

Rat l-istess ittra ufficjali involuta esebita, bhala vera kopja,a fol 2 u fol 3 ibid.

Rat ir-<u>risposta</u> tas-socjeta' intimata (fol 5 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

a) l-ittra ufficjali giet debitament ikkonfermata bil-gurament;
b) l-intimat Joseph Pace huwa debitur tas-socjeta' attrici u minn flok ma ihallas dak li hu dovut qieghed jipprova juza dawn il-proceduri biex jevita illi ihallas dak li hu dovut minnu;

c) Illi l-intimat kellu zmien prefiss mill-ligi biex jopponi ghal procedura nkwistjoni izda ma ghamel xejn u ma ippresenta ebda risposta fit-terminu lilu moghti;
d) Joseph Pace huwa in mala fede meta inizzel l-indirizz tieghu bhala “Fawwara Buildings” Triq Guzi Fava, Sliema. Illi dan huwa block ta’ appartamenti u kull meta marixxal imur hemm ma jistax jesegwixxi l-madat ghaliex ma hemmx n-numru tal-appartamet ta’ l-istess Joseph Pace;
e) Ghaldaqstant qabel ma dina l-Qorti taccetta li tikkonsidra r-rikors ta’ Joseph Pace, l-istess Joseph Pace ghandu jindika l-indirizz tieghu bil-gurament;
f) Illi l-intimat Jospeh Pace ma gabx provi li ppresenta r-rikors tieghu fi zmien 20 gurnata minn meta gie notifikat b’att ezekuttiv dan kif provdut fil-ligi.

Rat l-atti kollha specjalment dawk li jirreferi ghall-istess ittra ufficjali u ghal-mandat ta’ qbid esekuttiv numru 1443/06 (fol 9 sa fol 26 ibid) kif ukoll in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti (fol 28 u fol 29 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mar-rikors in esami jirrisulta illi s-socjeta’ intimata, fl-17 ta’ April 2006, kienet presentat l-ittra ufficjali in kwistjoni (fol 11 u fol 24 ibid) u dan a bazi tal-artikolu 166 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Permezz taghha, ir-rikorrenti kien gie interpellat sabiex fi zmien gimgha jhallas s-somma hemm specifikata u, kif jidher mill-istess dokument ir-rikorrenti u, kif jidher mill-istess dokument, ir-rikorrenti kien gie imwissi li jekk ma jwegibx ghaliha fi zmien tletin (30) jum, l-ittra ufficjali keinet ser issir titolu ezekuttiv. Kif jidher a fol 24 “a tergo”, ir-rikorrenti kien gie debitament notifikat biha fit-22 ta’ April 2006 u ma interpona ebda forma ta’ twegiba in opposizzjoni. Mill-istess ittra ma jidhirx li din kienet giet konfermata taht gurament. Pero’ xorta wahda ghandha tigi konsiderata bhala valida u dan minhabba n-nuqqas ta’ twegiba da parti tar-rikorrenti u ghalhekk ghandha tigi konsiderata bhala li giet reza titolu esekuttiv ghal kull effett u fini fil-ligi. Konsegwentement, il-hrug tal-mandat ta’ qbid ezekuttiv ghandu jigi ritenut bhala validu.

Illi ghalhekk, minhabba n-nuqqas gravi da parti tal-istess rikorrenti, kif hawn fuq spjegat it-talbiet tieghu ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet in esami bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------